# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D.**

**Illum, 7 ta' Frar, 2001.**

**Kawza Nru. 41.**
**Citazz. Nru. 2028/00 JRM**

**BAY POINT HOTEL LIMITED**

**vs**

**A.I.C. Edward BENCINI f'ismu proprju u ghal Edward Bencini & Associates, u BUILDING CONSULTANCY SERVICES LIMITED.**

## Il-Qorti,

Rat l-att tac-Citazzjoni ppresentat fis-27 ta' Settembru, 2000 li bih is-socjeta' attrici ppremettiet:

Illi bi ftehim tat-2 ta' Frar, 1996 (Dok. A), li ssejjah: "agreement for Architectural and Project Management Services", is-socjeta'

attrici kienet inkarigat lill-konvenuti bhala project architects ghall-progett tal-impjantar, disinji, u kostruzzjoni ta' lukanda "five star" fil-bajja ta' San Gorg San Giljan, illum maghrufa bhala Radisson SAS Bay Point Hotel u dana taht il-pattijiet u kondizzjonijiet kollha indikati;

Illi fost ix-xoghol li ghamlu il-konvenuti, kien hemm it-thejjija tat-tender ghall-istallazzjoni tal-airconditioning, l-istallazzjoni elettrika, il-generating installation, il-ventilazzjoni, il-plant electric control and building management systems, il-plant room equipment u d-domestic water installation, liema tender inghata lis-socjeta' Mekanika Limited;

Illi kien id-dmir tal-konvenuti li f'dan it-tender jassikuraw li jkun hemm "proper technical details" sabiex x-xogholijiet appaltati lil Mekanika Limited ikunu jistghu jsiru b'mod efficjenti, professjonali u biex ma jkunx hemm inkwiet jew trouble meta dax-xoghol jitlesta;

Illi gara li ftit gimghat wara li l-lukanda infethet bdew jirrizultaw difetti u malfunzjonamenti serji fis-sistema tal-air-conditioning tal-lukanda b'mod partikolari fil-"plant room" u fil-bore holes li kienu jiffurmaw parti mis-sistema tal-air-conditioning, li inneccessitat riparazzjonijiet u rimpjazzamenti kostuzi hafna, inkluz xiri ta' equipment gdid u minhabba f'hekk is-socjeta' attrici inkorriet danni kbar kemm fl-ispiza tat-tiswija u rimpjazzament kif ukoll fl-operazzjoni u l-qliegh tal-istess lukanda minhabba li l-air-conditioning system ma kienetx tahdem ghal xi zmien;

Illi wara li sar arbitragg fil-konfront tas-socjeta' Mekanika Limited (Dok. B) irrizulta li dad-difett u malfunzjonament ma kienx kawza tal-materjal supplit u stallat minn Mekanika Limited imma minhabba il-kwalita' tal-ilma bahar li kien qed jittella' mill-bore hole;

Illi kien dover tal-konvenuti li jittestjaw huma il-kwalita' tal-ilma bahar li kellu jittella' mill-bore holes disinjati minnhom qabel ma huma irrakkomandaw l-uzu tal-ilma bahar ghas-sistema tal-air-conditioning jew li jaghmlulha kondizzjoni tat-tender moghti lil

Mekanika Limited li dis-socjeta' tittestja hi l-kwalita' ta' l-ilma tal-lokal, u dana ma ghamluhx;

Illi ghalhekk il-konvenuti kienu responsabbli ghall-traskuragni u nuqqas ta' hila fl-arti, is-sengha u l-professjoni taghhom u ta' ksur tal-obbligi taghhom assunti taht il-kuntratt (Dok. A) u ghalhekk responsabbli ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mis-socjeta' attrici kif fuq inghid;

Illi l-konvenuti interpellati ufficjalment biex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' dawn id-danni, baqghu inadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta' attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex taqta' u tiddeciedi:

1. Li l-konvenuti huma responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici bhala konsegwenza tal-hsara u malfunzjonament fis-sistema tal-air-conditioning tal-lukanda Radisson SAS Bay Point Hotel, liema sistema giet disinjata minnhom minghajr ma saru testijiet ghall-kwalita' tal-ilma bahar u bla ma esegew li fit-tender ikun hemm tali obbligu fuq il-kuntrattur Mekanika Limited u b'hekk kienu responsabbli ghall-negligenza u nuqqas ta' hila fl-arti, is-sengha u l-professjoni taghhom u kisru l-obbligi taghhom assunti taht il-kuntratt (Dok. A);

2. Ghaliex dawn id-danni m'ghandhomx jigu likwidati minn din il-Qorti, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi; u

3. Ghaliex il-konvenuti m'ghandhomx jigu kundannati li flimkien u "in solidum" bejniethom ihallsu lis-socjeta' attrici dawk id-danni li jigu hekk likwidati, flimkien mal-imghax legali;

Bl-ispejjez komprizi LM10 ta' zewg ittri interpellatorji u dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Frar, 2000, kontra l-konvenuti, li jibqghu ngunti minn issa stess ghas-subizzjoni;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tas-Socjeta' attrici, flimkien maz-zewg (2) dokumenti mehmuza maghha;

Rat in-Nota tal-konvenuti tad-9 ta’ Novembru, 2000, li biha eccepew:

Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-eccipjenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-danni reklamati mis-socjeta’ attrici certament li ma kienux konsegwenza ta’ xi nuqqas da parti tal-eccipjenti, li esegwew l-inkarigu lilhom moghti skond id-dettami tal-professjoni u tas-sengha u l-arti;

Illi l-hsarat reklamati jirriferu ghal xoghol ta’ mechanical u electrical engineering, u ghal dan ix-xoghol l-eccipjenti nkarigaw lis-socjeta’ Engineering Services Limited li hi mmexxija minn nies professjonali kompetenti u ta’ esperjenza kbira f’dan it-tip ta’ xoghol u, ghalhekk, hu certament opportun li din is-socjeta’ tal-engineers tigi kjamata f’din il-kawza;

Salvi dejjem eccezzjonijiet ohra;

Rat id-Dikjarazzjoni mahlufa u l-lista tax-xiehda tal-konvenuti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar it-talba ghas-sejha fil-kawza tas-Socjeta’ Engineering Services Limited mitluba mill-konvenuti fit-tieni eccezzjoni taghhom;

## *Ikkunsidrat:*

Illi s-sejha fil-kawza ta’ terza persuna waqt li l-kawza tkun miexja bejn partijiet ohrajn hija regolata fil-ligi tal-procedura bl-artikolu 961 tal-Kapitolu 12. Dak l-artikolu jghid li tali sejha tista’ ssir kemm fuq talba ta’ xi wahda mill-partijiet u kif ukoll minghajr dik it-talba;

Madankollu, l-kliem semplici ta’ dak l-artikolu, ma jurix il-qafas li dan l-istitut tnissel fih u li, matul il-medda tas-snin, ta lok ghal ghadd principji li l-qrati taghna taw bosta decizjonijiet dwaru;

Il-principju ewlieni li ghandu jitqies huwa li l-imsejjah fil-kawza, b'differenza minn dak li jkun indahal fil-kawza *in statu et terminis*, jitqies bhala konvenut u, kif juri l-artikolu 962, bis-sentenza moghtija f'dik il-kawza jista' jinheles jew jigi kundannat daqslikieku l-kawza inharget mill-bidunett kontrih;

Is-sejha fil-kawza, jew kif kien maghruf fl-imghoddi, l-intervent koatt (biex jintgharaf mill-intervent volontarju li ghalih japplika l-artikolu 960 tal-Kap 12), ghandha l-ghan li tevita li jkun hemm ghadd ta' kawzi fuq l-istess meertu meta dawk il-persuni jistghu jitqeghdu f'gudizzju wiehed li jikkonsidra l-qaghda rispettiva taghhom [ara s-sentenza tat-**23 ta' Novembru, 1898**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Stepton vs Spiteri</u> Kollez. Vol: XVI.i.117]. Huwa essenzjali, ghalhekk, li persuna msejha fil-kawza jkollha interess fil-kwestjoni. Anzi, il-qafas ta' l-istitut tas-sejha fil-kawza johrog mill-kuncett fondamentali ta' interess tal-parti li toqghod f'gudizzju;

Kif inghad, il-Qrati taghna stabilew regoli li dwarhom is-sejha fil-kawza ghandha tigi meqjusa, u, b'mod partikolari, f'liema cirkostanzi ghandha tintlaqa' talba ghal tali sejha u, b'mod izjed siewi, meta m'ghandhiex jew ma jmisshiex tintlaqa' talba bhal din;

Illi l-Qorti ghandha tordna s-sejha fil-kawza jekk il-persuna li taghha tintalab din is-sejha jkollha dak l-interess li huwa mehtieg mil-ligi f'persuna biex minnu tista' tigi proposta azzjoni jew biex tigi opposta kontestazzjoni [ara s-sentenza tad-**29 t'Ottubru, 1935**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Libreri vs Staines nomine</u> (Kollez. Vol: XXIX.ii.706) u l-kawzi hemm imsemmija];

Illi s-sejha fil-kawza m'ghandhiex tintuza biex jidhlu fil-kawza persuni li, ghalkemm ghandhom l-interess mehtieg, jiddahhlu biex jissostitwixxu persuni li ma jkun messhom qatt gew imharrkin, jew ikunu gew imharrkin hazin [ara s-sentenza moghtija fis-**6 ta' Frar, 1962**, fil-kawza fl-ismijiet <u>Tabone nomine vs Magri</u> (Kollez. Vol: **XLVI.11.561**) u l-bosta kawzi hemm imsemmija]. Fil-fatt, fil-kaz presenti, dan huwa l-argument ewlieni, jekk mhux wahdieni, li qeghda tuza' s-Socjeta' imharrka biex topponi ghat-talba tas-sejha fil-kawza maghmula mis-Socjeta' attrici. Dan, naturalment, jaqbel

mal-eccezzjoni ewlenija tal-istess Socjeta' imharrka fis-sens li hija m'hiex il-persuna li messha giet imharrka u li ma ghandha – anzi, qatt ma kellha – x'taqsam xejn mal-kwestjoni li tifforma l-mertu tal-Mandat ta' Inibizzjoni u tal-kawza presenti;

Ghalkemm normalment is-sejha fil-kawa ssir mill-parti imharrka, kif jidher mill-artikolu tal-ligi fuq imsemmija, din it-talba tista' ssir ukoll minn min ikun fetah il-kawza. Izda ma ghandhiex tigi milqugha talba ghas-sejha fil-kawza min-naha tal-attur meta dan seta' jew suppost li kien jaf bl-esistenza jew l-interess ta' persuni fil-mertu tal-kwestjoni li huwa kellu jharrek sa mill-bidu [ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-**14 ta' Jannar, 1938** fil-kawza fl-ismijiet Captur vs Felice (Kollezz. Vol: XXX.i.1) u s-sentenzi hemm imsemmijin];

Illi f'dan il-kaz, huma l-konvenuti li qeghdin jitolbu s-sejha fil-kawza tas-Socjeta' Engineering Services Limited li, fit-twettieq tax-xoghlijiet li minnhom qeghda tilmenta s-Socjeta' attrici, kienu ghamlu, bhala *sub contractors* ix-xoghlijiet li hemm ilment dwarhom;

Illi wiehed irid jara, ghalhekk, kif il-principji hawn fuq imsemmija japplikaw ghall-kaz presenti;

Illi ma giex kontestat li s-socjeta' Engineering Services Limited kienet, fil-fatt, inghatat hatra mis-Socjeta' konvenuta biex taghmel, b'sub-appalt, parti mix-xoghlijiet li l-konvenuta kienet inhatret taghmel;

Illi huwa minnu wkoll li, normalment, ir-relazzjonijiet bejn il-kuntrattur f'appalt u min jinghata x-xoghol b'sub-appalt jibqghu interni bejn dawk il-partijiet;

B'dankollu, billi s-sejha fil-kawza ghandha, fost l-ohrajn, il-funzjoni li tkun prezenti fil-kwestjoni t-terza persuna interessata fil-vertenza mhux direttament mal-attur, izda mal-konvenut: dan igib li s-sub-appaltatur ghandu fih l-interess guridiku mehtieg biex ikun fil-gudizzju u s-sejha tieghu fil-kawza tista'tkun mehtiega;

L-abbli avukat tal-attur issottometta li, ladarba s-Socjeta' konvenuta qed tghid li m'ghandhiex htija ghal-lanjanzi tal-attur allura m'hemmx ghalfejn tissejjah fil-kawza s-socjeta' sub-appaltatrici, izda din tista' tibqa' tigi interepellata sakemm din il-kwestjoni tigi maqtugha.  Il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, ghax il-kontestazzjoni tas-Socjeta' mharrka ma tfissirx li hi mehlusa milli toqghod fil-gudizzju u lanqas hi ekwivalenti ghal sitwazzjoni fejn tallega li hija mharrka hazin jew li mhix il-legittimu kontradittur.  Daqstant iehor is-sejha fil-kawza tas-Socjeta' Engineering Services Limited ma tfissirx li s-Socjeta' konvenuta u l-konvenut se' jfarfru mir-responsabbilita' kontrattwali taghhom fil-konfront tas-Socjeta' attrici;

Sitwazjoni bhal din u li tixxiebha hafna maghha kienet il-mertu ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-**15 ta' Marzu, 1991**, fil-kawza fl-ismijiet Agent Accountant General et vs George Xuereb et (Kollez. Vol. **LXXV.ii.560**), li ghaliha din il-Qorti taghmel riferenza biex ma toqghodx taghmel ripetizzjoni;

Ghalhekk, il-**Qorti wara li qieset fit-tul dwar il-kwestjoni, tipprovdi dwar it-talba tal-konvenuti billi tilqaghha u tordna s-sejha fil-kawza tas-"Socjeta' Engineering Services Limited, a spejjez tal-konvenuti.**

Il-Qorti qeghda tordna ghalhekk il-kontinwazzjoni tal-kawza;

L-ispejjez ta' dan ir-rikors jibqghu biex jigu determinati fil-gudizzju finali.

**Moqrija**

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF, LL.D.**
**7 ta' Frar, 2001.**

**Charles Falzon,**
**Deputat Registratur**
**7 ta’ Frar, 2001.**